Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 414 / 2017

Il-Pulizja

(Spettur Trevor Micallef)

Vs

Roderick Zahra

Ruth Spiteri

Illum 2 ta' Gunju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Roderick Zahra, detentur tal-karta tal-identita' 262484M u Ruth Spiteri detentrici tal-karta tal-identita' 368679M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul il-perjodu ta' bejn il-11 t' Ottubru, 2017 u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

1. Roderick Zahra qed jigi akkuzat wahdu talli fl-20 ta' Awwissu, 2017 f' xi hin bejn 01:00 a.m. u l-11:30 a.m., ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Waykiki, 8, Triq Hans Christian Andersen, Naxxar u dan ghad-dannu ta' Josian Tonna u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Akkuzat aktar talli bejn it-30 ta' Awwissu, 2017 u l-31 ta' Awwissu, 2017 f' hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 4, Triq Lord Byron Naxxar u dan ghad-dannu ta' Paula King u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
3. Akkuzat aktar talli bejn l-31 ta' Awwissu, 2017 u t-13 ta' Settembru, 2017 f' hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Casa Margerita, Triq il-Hawt, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Marika Martinez u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
4. Akkuzat aktar talli bejn is-7 ta' Settembru, 2017 u t-8 ta' Settembru, 2017 f' hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza Honeystone, Triq il-Gizimin, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Michele (Michael) Galea u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
5. Akkuzat aktar talli fl-10 ta' Settembru, 2017 ghal habta tas-02:44 p.m. ikkommetta serq ta' tlett cilindri tal-gass minn barra r-residenza Christy, Triq il-Qasam, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Sidney Hili u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
6. Akkuzat aktar talli fit-12 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 107, The Red Block, Triq it-Terz, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Claudio Camilleri u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
7. Akkuzat aktar talli bejn il-21 ta' Settembru 2017 u t-22 ta' Settembru 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 7, Triq Ghaxqet l-Ghajn, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Lydia Camilleri u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
8. Akkuzat aktar talli fit-23 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza Bucharest Crt. Mais 1, Triq Apap Bologna, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Joseph Bonnici u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
9. Akkuzat aktar talli fid-29 ta' Settembru, 2017 ghal habta tas-07:00 a.m. ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Villa

Borgese, Triq Ewgenju Borg, Zebbug Malta u dan ghad-dannu ta' Philip Micallef u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

10. Akkuzat aktar talli bejn il-15 ta' Settembru, 2017 u l-20 ta' Settembru 2017 f'xi hin filghodu ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza tal-Misluta, Triq Molletta, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Claire Burlo u/jew persuni ohra (Art 258. Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
11. Akkuzat aktar talli fix-xahar ta' Settembru 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Giebja, Triq l-Ilqugh, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Carmen Cauchi u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
12. Akkuzat aktar talli fl-ahhar jiem, f' hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Casanna, No 72, Triq Margerita, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Svetlana Robinson u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
13. Akkuzat aktar talli bejn is-16 ta' Settembru, 2017 u t-18 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf ikkommetta serq ta' diversi ghodda minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li tinstab fi Triq il-Giebja, Swieqi liema serq huwa kwalifikat bil-"valur" (izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta' Jonathan Borg u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 261(c), 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Roderick Zahra qieghed jigi akkuzat bhala l-awtur u lil Ruth Spiteri bhala l-komplici ta' Roderick Zahra (Artikolu 42(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) talli:

14. Fl-1 ta' Settembru, 2017 f'xi hin bejn is-06:30 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Solei, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk u dan ghad-dannu ta' Louis Grech u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
15. Akkuzati aktar talli bejn is-06 ta' Settembru 2017 u t-08 ta' Settembru 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Selma, Triq Filippo Apap Bologna, Mosta u dan ghad-

dannu ta' Rabie Maloul u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

16. Akkuzati aktar talli bejn il-11 ta' Settembru, 2017 u l-15 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 70, Triq Hida, Kappara, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Dr. Mario Cutajar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
17. Akkuzati aktar talli bejn is-16 ta' Settembru 2017 u s-17 ta' Settembru 2017, f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' erbgha cilindri tal-gass minn barra r-residenza 35, Petunia, Triq Tamal, San Giljan, u dan ghad-dannu ta' Claire McCoy u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
18. Akkuzati aktar talli bejn is-17 ta' Settembru, 2017 u t-18 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 14, Casa Fabriano, Triq ic-Cawsli, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Carmel Azzopardi u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
19. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 20, Triq Luigi Billion, Pembroke, ghad-dannu ta' Charles Vella u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
20. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 158, Trqi Luigi Billion, Pembroke ghad-dannu ta' Mario Calleja u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
21. Akkuzati aktar talli fit-23 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 23, Triq it-Trincetta, Mosta u dan ghad-dannu ta' Fortunata Attard Cassar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
22. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017 f'hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

23. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f' hin bejn 08:00 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 225, Triq William Harding, Pembroke u dan ghad-dannu ta' Vincent Preca u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
24. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f'hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, Il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
25. Akkuzati aktar talli bejn it-2 t' Ottubru, 2017 u t-3 ta' Ottubru, 2017, f'hin bejn 12:00 p.m. u 02:00 p.m. ikkommettew serq ta' tlett cilindri tal-gass minn barra r-residenza 4, Gizimina, Triq Thomas Ashby, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Ruth Klotzer u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
26. Akkuzati aktar talli fit-12 ta' Settembru, 2017 f'xi hin bejn il-05:00 pm u s-06:15 pm ikkommettew serq ta' diversi ghodda minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li tinstab fi Triq Josef Kalleya, Swieq liema serq huwa kkwalifikat bil-"mezz" u bil-"valur (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta' Angelo Scicluna u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 261(b)(c), 263(a), 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

Roderick Zahra akkuzat wahda talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkotanzi f' dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Akkuzati t-tnejn flimkien talli fl-istess perjodu ta' zmien kisru l-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kienu nstabu hatja mill-Qrati ta' Malta (Magistrat Dr. G. Mercieca LL.D.) fejn inghataw kundizzjoni biex ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputati hatja, ikkundannat lill-Roderick Zahra ghal perjodu komplessiv ta' tliet (3) snin habs effettivi u irrakommandat lid-Direttur tal-Habs sabiex il-hati jibda programm kontra l-vizzju tad-droga tul il-permanenza tieghu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Ikkundannat lill-Ruth Spiteri piena ta' tmintax-il (18) xahar habs li permezz ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar. Il-Qorti poggiet lill-hatja Ruth Spiteri taht ordni ta' trattament kontra l-vizzju tad-droga ghal zmien sentejn (2) mill-llum.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Roderick Zahra, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 t' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **joghgobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lil l-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.**

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi dan l-Appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna il-piena.

Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuqhu kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta' dak sottopost, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern, setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta;
F'dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenan u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

Jirrizulta li l-esponenti ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, b'dan li ma nheliex hin prezzjuz ta' l-awtoritajiet investigattivi u l-hin tal-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijet, l-esponenti jhoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu. Jirrizulta wkoll, li l-esponenti sfortunatament qabad it-triq tal-kriminalita minhabba dipendenza akuta ghal vizzju tad-droga.

Fil-kawza l-Pulizja vs Carmen Buttler, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F' dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

*Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.*

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional

discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia:

*"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.*

L-esponenti ummilment jirrileva li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta li attwalment l-esponenti jinsab fiha.

Ikkunsidrat;

1. Illi l-appellant Roderick Zahra kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja flimkien ma' Ruth Spiteri fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn kien irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu li jirrigwardaw imputazzjonijiet ta' serq, li huwa recediv u li kiser provediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi wara li nghata zmien xieraq sabiex jirrikunsidra l-amissjoni tieghu, l-appellant rega' kkonferma din l-ammissjoni;

3. Ili fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija effettiva u gie rakomandat lid-Direttur tal-habs sabiex il-hati jibda programm kontra l-vizzju tad-droga tul il-permanenza tieghu fil-Facilita' korrettiva ta' Kordin;

4. Illi l-appellant kien appella minn dik is-sentenza limtitament dwar il-piena;

5. Illi l-Avukat Generali kien ukoll appella minn dik is-sentenza fejn fost aggravji ohra ressaq aggravju li jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata stante li l-Ewwel Qorti kienet naqset milli tindika l-artikoli li abbazi taghhom sabet htija;

6. Illi din il-Qorti permezz tas-sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) kienet annullat is-sentenza appellata u ordnat li l-appellati jerghhu jitpoggew fil-pozizzjoni li kienu immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u dan sabiex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi;

7. Illi l-appellant Roderick Zahra permezz tar-rikors datat it-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) kien talab sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga. Din il-Qorti permezz tad-digriet tat-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) kienet cahdet dik it-talba u ordnat li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell;

8. Illi l-appellant fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) ghamel referenza ghall-ammissjoni tieghu registrata quddiem l-Ewwel Qorti fil-prezentata u cioe' nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u wara li nghata zmien xieraq sabiex jikkunsidra din l-ammissjoni, huwa zamm ferm l-istess dikjarazzjoni ta' htija.

Ghaldaqstant, din is-sentenza hija limitata dwar il-piena li ghandha tinghata fil-konfront ta' Roderick Zahra. L-appellant Roderick Zahra fl-appell tieghu issottometta li l-piena inflitta fuqu kienet wahda eccessiva u li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta. Huwa jaghmel referenza ghall-aspett riformattiv tal-piena. Ghamel referenza ghal fatt li l-appellant kien ammetta fi stadju bikri tal-

proceduri u ghalhekk ma heliex hin prezzjuz tal-awtoritajiet investigattivi u l-hin tal-Qorti. In oltre', jissottometti li sfortunatament qabad it-triq tal-kriminaita' minhabba dipendenza akuta ghal vizzju tad-droga. Huwa jaghmel referenza ghal gurisprudenza fejn hatja inghatghu cans iehor mill-Qrati.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-appellant ammetta u konsegwentement instab hati ta' sitta u ghoxrin (26) akkuza ta' serq li jirrigwardaw serq ta' cilindiri tal-gas u ta' ghodda minn gewwa siti ta' kostruzzjoni u dan bejn l-ghoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u t-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Uhud minn dawn kienu serq semplici, wahda ikkwalifikat bil-valur filwaqt li l-imputazzjoni numru sitta u ghoxrin (26) jirrigwarda serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur. Jirrizulta ukoll li l-akkuzat gie akkuzat b'dawn ir-reati ta' natura kontinwata u li sehhew fuq medda ta' ftit xhur. Jirrizulta ukoll li l-appellant ghandu l-vizzju tad-droga tant li skont ir-rapporti tal-Pulizija prezentati l-appellant kien gie arrestat waqt li kien l-Isptar St Luke's jiehu t-trattament tal-methadone. Filfatt saret anke talba sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' droga, liema talba giet michuda in vista li il-piena tat-reati li bihom gie akkuzat teccedi s-seba' (7) snin prigunerija. Jirrizulta ukoll mill-istqarrijiet datati l-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-appellant ikkopera minn stadju bikri tal-investigazzjoni ghajr ghal uhud mis-serqiet li ma kienx assuma responsabbilta' taghhom izda kien irregistra ammissjoni tal-akkuzi kif dedotti hekk kif tressaq il-Qorti.

Dwar l-iskop tal-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'</u>**[1] fejn gie kkunsidrat li:

*'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-*

*Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet **manifestament eċċessiva** meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv</u>** u **<u>rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

Mill-fedina penali aggornata tal-appellant Roderick Zahra jirrizulta li l-appellant ma ghandux fedina penali netta, huwa kien misjub hati ta' serqiet ohra u anke ta' pussess ta' droga, fejn huwa kien tpogga taht ordnijiet ta' probation u kien anke inghata ordnijiet ta' liberta' kundizzjonata. Mill-fedina penali jirrizulta li anke waqt li kienu pendenti dawn il-proceduri, l-akkuzat rega kkometta reat ta' serq, ricettazzjoni u anke ta' attentat ta' serq u dan fix-xhur ta' Frar u Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn permezz ta' sentenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) gie ikkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin kif ukoll tpogga taht Ordni ta' Supervizjoni ghal sentejn.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs. George Farrugia'**[2] gie kkunsidrat li:

*'Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il- bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs. A propositu ta' din il-karriera, l- Avukat Generali, fir-rikors tieghu, jghid hekk:*

*"F'dawn ic-cirkostanzi u f'din is-sitwazzjoni refrattarja u irriversibbli li fiha l-imputat waddab lilu nnifsu, l-esponent bl-akbar umilta` ma jista' qatt jaccetta jew jikkondividi it-tip ta' piena, jew ahjar il-mod kif l-ewwel qorti deherilha li kellha titratta mal-imputat. Hawnhekk ma ghandniex xi kaz ta' xi cittadin Malti ta' eta` tenera li habat difrejh l- ewwel darba mal-ligi u jinstab l-ewwel darba quddiem il-Qorti."*

*Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s- sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il- Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979):*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Jannar, 2001 (Appell numru: 245/00)

*" The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

*U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation:*

***"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character"*** *(p. 236)*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Fil-proceduri odjerni l-appellant instab hati li huwa recediv u anke li kiser il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn inghata kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur. L-artikolu 28A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li:

'*(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mil-każijiet li ġejjin -*
*(a) meta l-ikkundannat ikun diġà qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija;*
*(b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50;*
*(ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.*'

Ghalhekk stante li l-akkuzat mhux biss ammetta li huwa recediv izda li in oltre ammetta li kiser il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti hija prekluza milli tinfliggi sentenza sospiza.

L-artikolu 23 fis-subartikolu (2) u (3) tal-istess artikolu tal-Kapitolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li:

*(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).*
*(3) Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-'eat magħmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tiġi dikjarata ħatja, jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omiċidju involuntarju, jew offiża involontarja fuq il-persuna, jew ħsara involontarja fuq il-proprjetà.*

Ghalhekk Qorti li titratta mal-hati ghar-reat li ghalih ikun gie kondizzjonalment liberat tkun prekluza milli tqieghed lil hati taht sanzjoni komunitarja jew li taghmel ordni taht l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijet ta' Malta. Din il-Qorti izda ma hijiex sejra titratta mal-appellant dwar ir-reat li bih kien gie liberat kondizzjonalment izda sejra *ai termini* tal-artikolu 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tibghat lil hati quddiem il-Qorti li ghamlet dik l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata u cioe' il-Qorti tal-Magistrati sabiex titratta mal-hati ghal dak ir-reat. Ghalhekk ghar-reati mertu tal-proceduri odjerni, il-Qorti ma hijiex prekluza milli timponi ordni ta' probation. Din il-Qorti izda tqis li tenut kont tal-fedina penali kif ukoll tal-fatt li l-appellant ikkommetta sitta u ghoxrin (26) serqa li ghalihom huwa ammetta u tal-fatti li fl-atti ma tressqet l-ebda prova li l-appellant kien qabad it-triq it-tajba jew li kien hadem fuq il-vizzju, tant li mill-fedina penali aggornata jirrizulta li l-appellant rega kkommetta reati fil-mori ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti tqis li piena karcerarja effettiva hija idonea fic-cirkostanzi, b'dan li l-appellant ghandu jkompli jinghata kull ghajnuna mehtiega sabiex jgheleb il-vizzju tad-droga u jkisser ic-ciklu tal-kriminalita'.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 49, 50, 289, 285, 261(b), 261(c), 263(a), 267, 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-appellant Roderick Zahra hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' tlett (3) snin prigunerija effettivi.

Din il-Qorti *ai fini* tal-imputazzjoni dwar il-ksur tal-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda ai termini tal-artikolu 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tibghat lill-appellant Roderick Zahra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ghamlet l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata u dan sabiex titratta mal-hati ghal dak ir-reat.

Din il-Qorti qieghda tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Habs sabiex l-appellant Roderick Zahra jircievi kull ghajnuna mehtiega sabiex jgheleb il-vizzju tad-droga u ghalhekk ghandha tigi esplorata l-possibilta' li l-appellant jissieheb f'programm kontra l-vizzju tad-droga waqt li jkun qieghed jiskonta din is-sentenza ta' prigunerija.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur